F'isem il-Bank Ewropew tal-Investiment (il-Grupp tal-BEI) nirringrazzjak talli kkunsidrajt li tieħu sehem f'dan l-istħarriġ importanti dwar l-investiment tan-negozji u d-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-investiment.

Dawn li ġejjin huma wħud mill-mistoqsijiet li l-intervistatur se jistaqsi fuq it-telefown. Parteċipanti oħrajn qalulna li jkun utli li jaraw dawn il-mistoqsijiet minn qabel biex ikunu jistgħu **jitkellmu mal-kollegi rilevanti u jkollhom it-tweġibiet lesti qabel it-telefonata.** Dan jgħin **biex l-intervista tkun iqsar u aktar faċli għalik**. Aħna se **niddiskutu t-tweġibiet tiegħek meta nċemplulek**. M'hemmx għalfejn tibgħathomlna.

**Meta twieġeb il-mistoqsijiet, jekk jogħġbok uża l-kontijiet finalizzati tiegħek mill-aħħar sena finanzjarja (jiġifieri 2025), anki jekk il-kontijiet tiegħek għadhom ma ġewx sottomessi.** Jekk m'intix ċert dwar xi informazzjoni, jekk jogħġbok agħtina l-aħjar stima tiegħek.

Ma jimpurtax jekk ma investejtx matul is-sena li għaddiet. Għandna bżonn nitkellmu ma' firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet fl-istħarriġ u mhux se tiġi mistoqsi mistoqsijiet irrelevanti.

It-tweġibiet tiegħek se jkunu kunfidenzjali u l-identità tiegħek ma tiġi żvelata fl-ebda rapport ippubblikat. It-timijiet tar-riċerka ta' Ipsos u tal-BEI biss se jkollhom aċċess għad-data tiegħek.

| | |
|---|---|
| 1. X'kien bejn wieħed u ieħor il-fatturat tan-negozju tiegħek fl-aħħar sena finanzjarja?<br><br>*Il-fatturat huwa l-ammont totali riċevut mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi.* | € ___________<br><br>**fl-aħħar sena finanzjarja** |
| 2. Fl-aħħar sena finanzjarja, kemm investa n-negozju tiegħek f'kull wieħed minn dawn li ġejjin bl-intenzjoni li jżomm jew iżid il-qligħ futur tal-kumpanija tiegħek?<br><br>a. Art, bini kummerċjali u infrastruttura<br>b. Makkinarju u tagħmir<br>c. Riċerka u Żvilupp (inkluż l-akkwist ta' proprjetà intellettwali)<br>d. Software, data, networks tal-IT u attivitajiet tas-sit web<br>e. Taħriġ ta' impjegati<br>f. Titjib tal-proċessi tal-organizzazzjoni u tan-negozju, bħal ristrutturar u simplifikazzjoni<br><br>*Għal dawk li ma japplikawx, jekk jogħġbok ikteb żero.* | a. €___________<br>b. €___________<br>c. €___________<br>d. €___________<br>e. €___________<br>f. €___________<br><br>**Total €___________**<br>**fl-aħħar sena finanzjarja** |
| 3. Bejn wieħed u ieħor, xi proporzjon tal-investiment totali fl-aħħar sena finanzjarja inkluda miżuri maħsuba speċifikament biex itejbu l-effiċjenza fl-enerġija fl-organizzazzjoni tiegħek? | ___________%<br><br>**fl-aħħar sena finanzjarja** |

| | |
|---|---|
| *Jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet Q2 sa Q4 jekk investejt fl-aħħar sena finanzjarja*<br><br>4. Xi proporzjon tal-investiment totali tan-negozju fl-aħħar sena finanzjarja kien għal kull wieħed jew waħda minn dawn? *It-total għandu jkun ta' 100%.*<br><br>a. L-iżvilupp jew l-introduzzjoni ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda<br><br>b. Is-sostituzzjoni tal-kapaċità (inkluż bini eżistenti, makkinarju, tagħmir u IT)<br><br>c. L-espansjoni tal-kapaċità għall-prodotti/għas-servizzi eżistenti<br><br>d. Oħrajn | *Għal dawk li ma japplikawx, jekk jogħġbok ikteb żero.*<br><br>a. __________%<br><br>b. __________%<br><br>c. __________%<br><br>d. __________% |
| 5. Bejn wieħed u ieħor, xi proporzjon tal-investiment tiegħek fl-aħħar sena finanzjarja ġie ffinanzjat minn kull wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin? It-total għandu jkun ta' 100%.<br><br>a. Fondi interni jew qligħ imfaddal (eż. flus kontanti, profitti)<br><br>b. Finanzjament Estern (eż. finanzjament minn banek, ekwità privata jew pubblika)<br><br>c. Finanzjament Intragrupp eż. Self minn kumpanija prinċipali (jekk applikabbli) | a. __________%<br><br>b. __________%<br><br>c. __________% |
| 6. Kemm-il persuna kienet timpjega l-kumpanija tiegħek fuq bażi full-time jew part-time fil-lokalitajiet kollha tagħha fil-bidu tal-2023?<br><br>Jekk jogħġbok inkludi impjegati full-time u part-time li jaħdmu 12-il siegħa jew aktar. Jekk jogħġbok inkludi ħaddiema freelance li jaħdmu regolarment għall-kumpanija tiegħek. Kull impjegat full-time u part-time għandu jingħadd bħala impjegat wieħed. L-impjegati li jaħdmu inqas minn 12-il siegħa kull ġimgħa għandhom jiġu esklużi. | __________ |
| 7. B'mod ġenerali, kemm-il membru tal-persunal timpjega l-kumpanija tiegħek biex tivvaluta u tikkonforma mar-rekwiżiti u l-istandards regolatorji obbligatorji jew volontarji, u biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' rappurtar relatati magħhom?<br><br>Jekk jogħġbok inkludi ħaddiema freelance li jaħdmu regolarment għall-kumpanija tiegħek f'dan ir-rwol. Kull impjegat full-time u part-time għandu jingħadd bħala | __________ |

| | |
|---|---|
| impjegat wieħed. L-impjegati li jaħdmu inqas minn 12-il siegħa kull ġimgħa għandhom jiġu esklużi. | |
| 8. Liema minn dawn li ġejjin japplikaw għall-kumpanija tiegħek, jekk huwa l-każ? | a. Aktar minn 50% tas-sidien tal-kumpanija tiegħek huma nisa.<br><br>b. 40% jew aktar mill-maniġment għoli tal-kumpanija tiegħek huma nisa. |
| *Il-mistoqsijiet li ġejjin huma sabiex tgħinna nifhmu l-valur ekonomiku miżjud (VEM) tal-kumpanija tiegħek, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-inputs kollha u l-prezz tal-bejgħ tal-prodotti/tas-servizzi tal-kumpanija tiegħek.*<br><br>9. Fl-aħħar sena finanzjarja, x'kien il-valur tal-assi fissi totali tan-negozju?<br><br>*Jekk jogħġbok inkludi assi tanġibbli u intanġibbli (eż. bini, tagħmir, vetturi, privattivi, trademarks u drittijiet tal-awtur) iżda eskludi assi finanzjarji bħal flus kontanti jew kontijiet tal-bank.* | €__________ **assi fissi totali** |
| 10. Kemm nefqet il-kumpanija fuq il-pagi fl-aħħar sena finanzjarja?<br><br>Jekk jogħġbok innota li qed nirreferu għall-pagi grossi, inklużi l-benefiċċji kollha u l-benefiċċji in natura (jiġifieri, inklużi tipi varji ta' kumpens mhux fil-forma ta' pagi mogħtija lill-impjegati flimkien mal-pagi u s-salarji normali tagħhom) | €__________ **fuq il-pagi** |
| 11. Fl-aħħar Sena finanzjarja, kemm nefqet il-kumpanija tiegħek fuq l-enerġija (żejt, gass, elettriku,fjuwil għall-vetturi)? | **Total €__________**<br>**fl-aħħar sena finanzjarja** |
| 12. Bejn wieħed u ieħor, il-kumpanija kemm għamlet profitt jew telf qabel it-taxxa bħala persentaġġ tal-fatturat fl-aħħar sena finanzjarja?<br><br>(Jekk jogħġbok irreferi għall-qligħ qabel l-imgħax u t-taxxa)<br>*Jekk jogħġbok indika jekk iċ-ċifra tirreferix għal profitt jew telf.* | **profitt jew telf**<br><br>Inqas minn 2%<br>2% inqas minn 5%<br>5% inqas minn 10%<br>10% sa inqas minn 15%1<br>5% jew aktar |